# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

**Talba numru 299/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 40**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**
**Skyparks Business Centre,**
**Malta International Airport,**
**Luqa**

**vs**

**Enetpoker Limited (C51954)**
**Suite 3, 64/1, Agiton Buildings,**
**St Anthony Street,**
**San Gwann**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-02 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand is-Socjeta konvenuta s-somma ta' elf

sitt mija u hamsa u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,635.93c) in konnessjoni ma’ diversi servizzi moghtija lis-Socjeta’ konvenuta mis-Socjeta’ attrici.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li s-Socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lis-Soċjeta` attriċi is-somma ta’ elf sitt mija u hamsa u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,635.93c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tas-Socjeta’ konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**